

## III

*(Atti preparatori)*

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**OPINJONI TAL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tal-11 ta' Diċembru 2019****dwar rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-hattra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali  
Ewropew****(CON/2019/43)**

(2019/C 425/02)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fil-15 ta' Novembru 2019, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-President tal-Kunsill Ewropew għal opinjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar il-hattra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tal-Bank Ċentrali Ewropew (¹).

Il-kompetenza tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

1. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li għiet ippreżentata lill-Kunsill Ewropew u li fuqha qed jiġu kkonsultati l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Governattiv tal-BĊE, tirrakkomanda illi Isabel SCHNABEL tinhħatar bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.
2. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE huwa tal-opinjoni illi l-kandidata proposta hija persuna ta' statura rikonoxxuta u b'esperjenza professjonalu fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji kif mitlub mill-Artikolu 283(2) tat-Trattat.
3. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE m'għandu ebda ogħżejjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jaħtar lil Isabel Schnabel bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Diċembru 2019.

*Il-President tal-BĊE  
Christine LAGARDE*

(¹) ĠU C 385, 13.11.2019, p. 1.